MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 544/2003

**Logix Communications Limited**

**Vs**

**AZ Publicity Limited u dan skond korrezzjoni awtorizzata permezz ta' digriet moghti mill-istess Qorti fil-15 ta' Dicembru 2003.**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' elf tminn mija disa' u sebghin lira disa' u sebghin centezmu (Lm1879.79,0) rapprezentanti l-prezz ta' servizzi ta' reklamar rezi lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta stess.

Bl-isepjjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datat 28 ta' Marzu 2003, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat mal-avviz, tal-ittra ufficjali interpellatorja mibghuta lis-

sekwestratarji msemmija fl-istess mandat, u bl-imghax kummercjali mit-30 ta'Mejju 2002, li hija d-data meta gew prestati s-servizzi, kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-imsemmi digriet moghti fil-15 ta' Dicembru 2003 a fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment anke bl-avviz kif korrett, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fl-10 ta' Jannar 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1879.79,0 bl-imghax legali mit-tlieta (3) ta' Novembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra bonarja tat-28 ta' Marzu 2003, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-3 ta' Novembru 2003 u tal-ittra ufficjali interpellatorja msemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------